



Brussell, 26 ta' Ottubru 2017
(OR. en)

13171/17

LIMITE

PV/CONS 53
JAI 899
COMIX 681

ABBOZZ TA' MINUTI¹

Suġġett: It-3564 laqgħha tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
(Ġustizzja u Affarijiet Interni),
li saret il-Lussemburgu fit-12 u t-13 ta' Ottubru 2017

¹ L-informazzjoni dwar deliberazzjonijiet leġislattivi tal-Kunsill, dwar deliberazzjonijiet oħrajn tal-Kunsill miftuħin għall-pubbliku u dwar dibattiti pubbliċi tinstab fl-Addendum 1 għal dawn il-minuti.

WERREJ

Paġna

ĠUSTIZZJA

1.	Adozzjoni tal-aġenda	4
----	----------------------------	---

DELIBERAZZJONIJIET LEĠISLATTIVI

2.	UPPE: Regolament tal-Kunsill li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew	4
3.	Iffriżar u Konfiska: Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska [L-ewwel qari]	5
4.	ECRIS-TCN: Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi sistema ċentralizzata għall-identifikazzjoni ta' Stati Membri fil-pussess ta' informazzjoni dwar ċittadini ta' pajjiż terz u persuni mingħajr Stat (TCN) biex tissupplimenta s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (is-sistema ECRIS-TCN) u tkun ta' sostenn għaliha u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1077/2011 [L-ewwel qari]	5
5.	Affarijiet oħra	5

ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATTIVI

6.	Approvazzjoni tal-lista ta' punti "A"	6
7.	Drittijiet Fundamentali:	6
a)	Skambju ta' fehmiet mad-Direttur tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali (FRA)	
b)	Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE fl-2016	
8.	Affarijiet oħra	6

SESSJONI KONĠUNTA ĠUSTIZZJA U AFFARIJET INTERNI

ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATTIVI

9.	Ġustizzja Kriminali fiċ-ċiberspazju	7
10.	Rieżami ta' nofs it-terminu tal-linji gwida strateġiċi tal-ĠAI	7
11.	Affarijiet oħra	7

AFFARIJET INTERNI

ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATTIVI

12.	Affarijiet oħra	8
a)	EURES-CRIM: proġett dwar ir-ritorn ta' ċittadini kriminali ta' pajjiżi terzi, u RefuReturn: proġett dwar l-iskambju ta' informazzjoni dwar refuġjati li jirritornaw temporanjament lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom	
13.	Ġlied kontra t-terroriżmu	8
12.	Affarijiet oħra	8
b)	IISG: Implementazzjoni tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Governanza Integrattiva tas-Sigurtà Interna	
14.	Schengen	8
a)	Implementazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal- Kodiċi tal-Frontieri ta' Schengen dwar l-introduzzjoni temporanja tal-kontrolli fuq il-frontieri interni	

DELIBERAZZJONIJIET LEĠISLATTIVI

14.	Schengen	9
b)	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2016/399 fir-rigward tar-regoli li japplikaw għall- introduzzjoni temporanja mill-ġdid ta' kontrolli fuq il-frontieri interni [L-ewwel qari]	
15.	Riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil u r-Risistemazzjoni	9
a)	Dublin	
b)	Kundizzjonijiet ta' akkoljenza	
c)	Kwalifika	
d)	Proċedura	
e)	Eurodac	
f)	EASO	
g)	Qafas ta' Risistemazzjoni	
16.	Affarijiet oħra	10

ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATTIVI

17.	Migrazzjoni: sitwazzjoni attwali	10
-----	---	----

ANNESS - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill	11
---	----

*

* * *

ĠUSTIZZJA

1. Adozzjoni tal-aġenda

12783/17 OJ CONS 50 JAI 866 COMIX 660

Il-Kunsill adotta l-aġenda msemmija hawn fuq.

DELIBERAZZJONIJIET LEĠISLATTIVI

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

2. UPPE: Regolament tal-Kunsill li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekurur Pubbliku Ewropew

= Adozzjoni

12791/17 EPPO 38 EUROJUST 149 CATS 100 FIN 591 COPEN 290 GAF 41
CSC 218

+ COR 1

9941/17 EPPO 21 EUROJUST 86 CATS 62 FIN 349 COPEN 189 GAF 25
CSC 120

+ COR 1 (bg)

+ COR 2 (fr)

+ COR 3

+ COR 4

+ REV 1 (cs, de, nl, sl)

Il-Kunsill adotta r-Regolament li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekurur Pubbliku Ewropew kif jinsab fi 9941/17 + REV 1 + COR 1 + COR 2 + COR 3 + COR 4, b'20 Stat Membru jipparteċipaw. Il-Kummissjoni spjegat il-passi li jmiss biex jiġi implementat u kkonsolidat l-Uffiċċju sabiex dan ikun operativ sa tmiem l-2020.

Diversi delegazzjonijiet laqgħu l-possibbiltà li jiddiskutu l-estensjoni possibbli tal-kompetenzi tal-UPPE, li l-Kummissjoni ser tippreżenta Komunikazzjoni dwarha fil-ħarifa tal-2018, b'perspektiva għall-2025.

3. Iffriżar u Konfiska: Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' ordnijiet ta' ffrīżar u ta' konfiska [L-ewwel qaril]

= Dibattitu ta' orjentazzjoni

12685/17 JAI 849 COPEN 286 DROIPEN 123 IA 147 CODEC 1480

Il-Kunsill esprima appoġġ ġenerali għall-inklużjoni, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-abbozz ta' Regolament, ta' sistemi ta' "konfiska preventiva" kif jeżistu f'xi Stati Membri, bħal fl-Italja, dment li jkun hemm rabta ċara ma' reat kriminali u jiġu rrispettati salvagwardji proċedurali. Il-Grupp ta' Ħidma ġie mistieden jadatta t-test kif meħtieġ.

4. ECRIS-TCN: Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi sistema ċentralizzata għall-identifikazzjoni ta' Stati Membri fil-pussess ta' informazzjoni dwar ċittadini ta' pajjiż terz u persuni mingħajr Stat (TCN) biex tissupplimenta s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (is-sistema ECRIS-TCN) u tkun ta' sostenn għaliha u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1077/2011 [L-Ewwel Qaril]

= Dibattitu ta' orjentazzjoni

12596/17 COPEN 284 EJUSTICE 109 JURINFO 49 DAPIX 306 CODEC 1464
+ COR 1

Il-Kunsill iddiskuta żewġ kwistjonijiet: l-inklużjoni ta' persuni li għandhom nazzjonalità doppja u l-marki tas-swaba'. Fir-rigward tal-ewwel kwistjoni, maġġoranza ta' Stati Membri qablu li s-sistema ċentrali ECRIS-TCN għandu jkun fiha informazzjoni dwar iċ-ċittadini kkundannati kollha li jkollhom in-nazzjonalità ta' pajjiż terz, anki dawk li barra minn hekk ikollhom nazzjonalità waħda tal-UE jew aktar. Madankollu, kien hemm opinjonijiet diverġenti fir-rigward tal-ħtieġa li jiġu inklużi wkoll persuni li jkollhom żewġ nazzjonalitajiet tal-UE jew aktar. Fir-rigward tal-marki tas-swaba', il-Ministri b'mod ġenerali qablu li l-marki tas-swaba' għandhom jiddah lu fis-sistema ċentrali fil-każ ta' persuni li jkunu ġew ikkundannati għal reat kriminali li għalihi tkun għiet imposta sentenza ta' kustodja. Madankollu, kien hemm opinjonijiet diverġenti fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk għandhomx jiġu inklużi biss reati kriminali mwettqa b'mod intenzjonali. Fir-rigward tal-inklużjoni ta' sentenzi sospiżi, kien hemm ukoll opinjonijiet diverġenti. Il-Grupp ta' Ħidma ġie mistieden jerġa' jiddiskuti dawn il-kwistjonijiet.

5. Affarrijiet oħra

= Informazzjoni mill-Presidenza dwar il-proposti leġislattivi attwali

Il-Presidenza informat lid-delegazzjonijiet dwar is-sitwazzjoni attwali tal-fajls leġislattivi differenti li għaddejjin bħalissa.

ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATTIVI

6. Approvazzjoni tal-lista ta' punti "A"

12784/17 PTS A 66

Il-Kunsill adotta l-punti "A" elenkti fi 12784/17.

Dikjarazzjoni b'rabta ma' dawn il-punti tinsab fl-Anness.

7. Drittijiet Fundamentali:

- a) **Skambju ta' fehmiet mad-Direttur tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali (FRA)**
- b) **Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE fl-2016**
= Adozzjoni
12913/17 FREMP 110 JAI 880 COHOM 111 DROIPEN 129 ASILE 66
JUSTCIV 228 SOC 624 SCHENGEN 61 EJUSTICE 117
DAPIX 319 ANTIDISCRIM 45 VISA 385 CULT 111

Il-Ministri kellhom skambju ta' fehmiet mad-Direttur tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), u adottaw il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE fl-2016 (12913/17).

8. Affarijiet oħra

Ma tqajjem ebda punt taħt din l-intestatura.

SESSJONI KONĠUNTA ĠUSTIZZJA U AFFARIJET INTERNI

ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATTIVI

9. Ġustizzja Kriminali fiċ-ċiberspazju

= Rapport ta' progress/Sitwazzjoni attwali

9677/17 JAI 547 CYBER 88 COPEN 179 ENFOPOL 270 TELECOM 144
DAPIX 209 COTRA 9 EJUSTICE 71 CATS 60

Il-Kummissjoni ppreżentat l-elementi relatati mal-ĠAI li jinsabu fil-pakkett tagħha dwar is-sigurtà ċibernetika li ġie adottat reċentement. Fir-rigward tal-kriptaqgħ, il-Ministri ġew infurmati li ser jiġu ppreżentati miżuri konkreti fit-18 ta' Ottubru 2017 bħala parti mill-pakkett kontra t-terroriżmu. Il-Kummissjoni speċifikat li ma kinitx qed tikkunsidra backdoors sistemiċi jew id-dgħajfien tal-kriptaqgħ. Il-Ministri użaw l-opportunità biex itennu l-urġenza li jirċievu proposta leġislattiva ġenerali u ambizzjuża fir-rigward tal-aċċess transkonfinali għal evidenza elettronika u li jinstabu soluzzjonijiet xierqa biex jiġu indirizzati l-isfidi li jirriżultaw mill-użu tal-kriptaqgħ.

10. Rieżami ta' nofs it-terminu tal-linji gwida strateġiċi tal-ĠAI

= Skambju ta' fehmiet

12474/17 JAI 818

Il-Ministri għall-Affarijiet Interni u l-Ministri għall-Ġustizzja vvalutaw il-kisbiet ewlenin mindu saret id-definizzjoni tal-Linji Gwida Strateġiċi fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni mill-Kunsill Ewropew f'Ġunju 2014. Esprimew ukoll il-fehmiet tagħhom dwar il-kwistjonijiet li għad iridu jintlaħqu, u b'hekk taw gwida politika għar-rieżami ta' nofs it-terminu ta' dawn il-linji gwida.

11. Affarijiet oħra

Ma tqajjem ebda punt taħt din l-intestatura.

AFFARIJET INTERNI

ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATTIVI

12. Affarijiet oħra

- a) **EURES-CRIM: proġett dwar ir-ritorn ta' ċittadini kriminali ta' pajjiżi terzi, u RefuReturn: proġett dwar l-iskambju ta' informazzjoni dwar refuġjati li iż-żejt jipprova lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom¹**
= Informazzjoni mill-Belġju

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovadata mill-Belġju dwar il-proġetti EURES-CRIM u RefuReturn.

13. Ġlied kontra t-terrorizmu¹

- = Skambju ta' fehmiet (f'sessjoni ristretta)

Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjonijiet magħmula permezz tal-Grupp Kontra t-Terroriżmu (CTG) u l-Europol.

12. Affarijiet oħra

- b) **IISG: Implementazzjoni tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Governanza Integrattiva tas-Sigurtà Interna**
= Preżentazzjoni mis-Slovenja
12373/17 COSI 207 CT 92 ENFOPOL 419 COTER 92 COWEB 111
PSC DEC 32 JAIEX 67 FRONT 392 JAI 810

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovadata mis-Slovenja.

14. Schengen

- a) **Implementazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Frontieri ta' Schengen dwar l-introduzzjoni temporanja tal-kontrolli fuq il-frontieri interni**
= Dibattitu ta' orjentazzjoni

Il-Kunsill ikkonferma l-eżitu tad-diskussjonijiet li saru fil-Kumitat Imħallat fil-livell Ministerjali (13261/17).

¹ Ecċeżzjonalment, fil-preżenza tal-Istati Assoċjati ta' Schengen.

DELIBERAZZJONIJIET LEĠISLATTIVI

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

14. Schengen

- b) **Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2016/399 f'dak li jikkonċerna r-regoli applikabbi għar-riintroduzzjoni temporanja tal-kontrolli fuq il-fruntieri mal-fruntieri interni [L-ewwel qaril]**

= Dibattitu ta' orjentazzjoni
12723/17 FRONT 413 CODEC 1485 COMIX 656

Il-Kunsill ikkonferma l-eżitu tad-diskussjonijiet li saru fil-Kumitat Imħallat fil-livell Ministerjali (13261/17) u ta struzzjoni lill-korpi preparatorji tal-Kunsill biex jeżaminaw il-proposta.

15. Riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil u r-Risistemazzjoni

- a) **Dublin:** Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbi biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (riformulazzjoni) [L-ewwel qaril]
- b) **Kundizzjonijiet ta' akkoljenza:** Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-istandard dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali (riformulazzjoni) [L-ewwel qaril]
- c) **Kwalifika:** Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal status uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25 ta' Novembru 2003 dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti fit-tul [L-ewwel qaril]
- d) **Proċedura:** Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi proċedura komuni għal protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE [L-ewwel qaril]
- e) **Eurodac:** Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil tal-marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-[Regolament (UE) Nru 604/2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbi biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida], għall-identifikazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li qed tirrisjedi illegalment u dwar talbiet għat-tqabbil mad-data tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi (riformulazzjoni) [L-ewwel qaril]
- f) **EASO:** Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Āgenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil u li tħassar ir-Regolament (UE) Nru 439/2010 [L-ewwel qaril]

- g) **Qafas ta' Risistemazzjoni:** Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Qafas ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 516/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [L-ewwel qari]
- = Rapport ta' progress

12802/17 ASILE 64 ASIM 110 CSC 219 EURODAC 30 ENFOPOL 441
RELEX 816 CODEC 1501

Il-Kunsill ħa nota tas-sitwazzjoni attwali tal-eżami tas-seba' proposti leġislattivi dwar ir-Riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil abbażi tar-rapport ta' progress tal-Presidenza msemmi hawn fuq.

16. Affarijiet oħra

- = Informazzjoni mill-Presidenza dwar il-proposti leġislattivi attwali
- Il-Ministri ħadu nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar is-sitwazzjoni attwali ta' fajls leġislattivi differenti.

ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATTIVI

17. Migrazzjoni: sitwazzjoni attwali¹

- = Skambju ta' fehmiet/Dibattitu ta' orjentazzjoni

Il-Ministri qablu li jkun hemm skambju ta' fehmiet waqt l-ikla ministerjali ta' nofsinhar.

¹ Eċċezzjonalment, fil-preżenza tal-Istati Assoċjati ta' Schengen.

DIKJARAZZJONIJIET GĦALL-MINUTI TAL-KUNSILL

Ara l-punt "A" 13: Is-36 Laqgħa annwali tal-Kummissjoni għall-Konservazzjoni tar-Riżorsi Ħajjin tal-Baħar Antartiku (CCAMLR) (Hobart, l-Australja, 16-27 ta' Ottubru 2017)
= Stabbiliment tal-pożizzjoni tal-UE

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

F'konformità mal-pożizzjoni difiża fil-każijiet C-626/15 u C-659/16, il-Kummissjoni ma tistax taqbel mal-konklużjoni tal-Kunsill li l-proposta dwar Żona Protetta tal-Baħar Antartiku fil-Lvant (EAMPA) mill-Kummissjoni għall-Konservazzjoni tar-Riżorsi Ħajjin tal-Baħar Antartiku (CCAMLR) għandha tiġi ppreżentata mill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, peress li din il-miżura, minħabba l-għan, il-kontenut u l-kuntest tagħhom, taqa' fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni għall-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar (Artikolu 3(1)(d) TFUE).

Filwaqt li, f'konformità mal-pożizzjoni tal-Kunsill, il-Kummissjoni ser tinforma lis-Segretarjat tas-CCAMLR li l-preżentazzjoni tal-proposti lis-CCAMLR qed ssir f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha sabiex ma jkunx hemm xkiel għall-Unjoni milli taqdi r-rwol tagħha f'din il-kwistjoni, hija tirriżerva l-pożizzjoni tagħha."